IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.11.2013
COM(2013) 845 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Rapport ta' Sinteżi dwar l-Eżerċizzju ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Rapport ta' Sinteżi dwar l-Eżerċizzju ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar

1. INTRODUZZJONI

Il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar (Research Fund for Coal and Steel - RFCS) tal-Kummissjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem l-RFCS, ġiet stabbilit fl-2002 biex jappoġġa il-kompetittività fis-setturi Ewropej tal-faħam u l-azzar, u li jibni fuq il-wirt tat-Trattat tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, li ma għadux jgħodd. Fil-11-il sena ta' attività, l-RFCS kkofinanzja riċerka, proġetti pilota u ta' dimostrazzjoni b'finanzjament totali ta' madwar EUR 600 miljun (tipikament EUR 55 miljun fis-sena) mogħtija lill-industriji, universitajiet u ċentri ta' riċerka.

Skont l-Artikolu 38 tal-bażi legali tal-RFC (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/376/KE)[1], riċentament il-Kummissjoni lestiet eżerċizzju ta' monitoraġġ tal-programm ta' riċerka u Valutazzjoni tal-benefiċċji mistennija. Ġie maħtur Kumitat Espert magħmul minn esperti indipendenti biex iwettaq dawn iż-żewġ kompiti.

L-eżerċizzju ta' monitoraġġ, li kien maħsub biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-programm sa mill-2002, jinkludi l-aspetti operazzjonali kollha u jieħu rakkomandazzjonijiet għal titjib futur u s-simplifikazzjoni possibbli ta' proċeduri attwali. Ir-rapport relevanti ġie ppubblikat f'format elettroniku fuq is-sit tal-internet[2] tal-RFCS fl-2013, f'konformità mal-paragrafu 1 tal-imsemmi Artikolu 38.

L-eżerċizzju ta' Valutazzjoni twettaq mat-tlestija ta' proġetti kofinanzjati mill-RFCS bejn l-2003 u l-2010 sabiex jiġu vvalutati l-benefiċċji kwalitattivi u kwantitattivi għas-soċjetà u għas-setturi relevanti. Ir-rapport ta' Valutazzjoni bl-Anness Tekniku tiegħu ġie ppubblikat f'format elettroniku fuq is-sit tal-internet2 tal-RFCS fl-2013, f'konformità mal-paragrafu 2 tal-imsemmi Artikolu 38.

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Faħam u l-Azzar (Coal and Steel Committee COSCO) ġie maqbul li għandu jiġu ppubblikat, f'għamla stampata u elettronika, rapport magħqud ta' Monitoraġġ u Valutazzjoni. Għaldaqstant, ir-rapport finali magħqud ġie ppubblikat mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea f'Settembru tal-2013 u bħalissa huwa disponibbli onlajn għall-pubbliku fuq il-pjattaforma tal-EU Bookshop.[3]

2. METODOLOĠIJA

Sabiex jiġi stabbilit qafas amministrattiv u finanzjarju għall-eżerċizzju ta' monitoraġġ u valutazzjoni, f'Ottubru tal-2010 is -servizzi tal-Kummissjoni waqqfu Kumitat ta' Tmexxija intern presedut minn Alan Haigh, il-Kap tal-Unità għall-RFCS. Skont il-paragrafu 3 tal-

[1] Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, l-20 ta' Mejju 2008, ref. ĠU L130.

[2] http://cordis.europa.eu/coal-steel-rtd/home_en.html

[3] Rapport ta' Monitoraġġ u Valutazzjoni tal-Programm ta' Riċerka għall-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar. Il-Kummissjoni Ewropea, DĠ Riċerka u Innovazzjoni. © Unjoni Ewropea, 2013. ISBN 978-92-79-29742-7, URL http://dx.doi.org/10.2777/11062.

Artikolu 38u l-Artikolu 39 tal-bażi legali tal-RFCS, u wara konsultazzjoni ma' COSCO fl-2010, Kumitat Espert magħmul minn esperti esterni indipendenti ġie stabbilit fl-2011 biex jgħin lill-Kummissjoni f'din l-attività. Il-Kumitat Espert kien ippresedut minn Prof. Dr.-Ing. Carl-Dieter Wuppermann u l-membri l-oħra kienu esperti kwalifikati ħafna magħżula mis-setturi tal-faħam u l-azzar maħtura wara suġġerimenti mill-Gruppi Konsultattivi dwar il-Faħam u l-Azzar (Coal Advisory Group - CAG u Steel Advisory Group - SAG).

Il-Kumitat Espert fassal sett ta' Termini ta' Referenza kemm għall-eżerċizzju ta' monitoraġġ kif ukoll għall-eżerċizzju ta' valutazzjoni u stabbilixxa metodoloġija inkluża l-formulazzjoni ta' kwestjonarju twil u ieħor qasir u sensiela ta' żjarat fuq il-post fejn ġew ingaġġati relaturi kwalifikati ħafna. Il-laqgħa tal-2011 tal-COSCO approvat it-Termini ta' Referenza u l-metodoloġija proposta globali.

Bl-għajnuna tal-presidenti u l-membri l-oħra tal-Gruppi Tekniċi, kull wieħed mill-198 proġett magħluq bejn l-2003 u l-2010 ġew analizzati bl-għan li tinkiseb ħarsa ġenerali tal-kisbiet ewlenin. Ġie identifikat subsett ta' 78 proġett bħala dawk li urew li għandhom potenzjal għall-kwantifikazzjoni tal-benefiċċji. Minn dawn, twettqet analiżi fil-fond għal 46 proġett, inkluż żjarat tekniċi u t-tlestija ta' kwestjonarju twil (id-dettalji ta' dawn il-valutazzjonijiet huma ppreżentati fl-anness tar-Rapport ta' Valutazzjoni). Fl-aħħar nett, ġie kkunsidrat subsett ta' 23 proġett għall-kwantifikazzjoni ta' benefiċċji attwali u potenzjali fil-livell tal-benefiċjarju u settur, rispettivament.

Ir-riżultati preliminari tal-eżerċizzju tressqu quddiem il-laqgħat tal-2012 u tal-2013 tal-COSCO. Tlaqqgħet konferenza fil-Lussemburgu fid-19 u l-20 ta' Settembru 2012, biex is-sejbiet tar-Rapport ta' Monitoraġġ jiġu mressqa quddiem udjenza usa' u biex jiġi ċelebrat l-10 sena anniversarju tal-ewwel sejħa għall-proposti tal-programm RFCS.

3. SEJBIET EWLENIN TAL-EŻERĊIZZJU TAL-MONITORAĠĠ

Ir-rakkomandazzjoni ewlenija ta' dan l-eżerċizzju ta' monitoraġġ kienet li jinżamm l-approċċ ġenerali adottat minn mindu nħoloq il-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar fl-2002 u rivedut fl-2008. B'mod aktar speċifiku, il-programm għandu:

- Iżomm il-programm ta' riċerka bħala programm settorjali orjentat lejn l-industrija u jżomm l-għanijiet ta' riċerka mhux mibdula, peress li huma kkunsidrati ta' relevanza kbira għall-industrija Ewropea tal-faħam u l-azzar u addattati għax-xejriet futuri fiż-żewġ setturi.
- Jinżammu l-proċessi ewlenin attwali għall-implimentazzjoni, bħalma huma r-regoli għall-allokazzjoni tal-baġit għas-setturi, is-sehem ta' azzjonijiet li jistgħu jiġu permessi (proġetti ta' riċerka, proġetti pilota u ta' dimostrazzjoni, miżuri ta' akkumpanjament) u r-regoli ta' parteċipazzjoni. Il-prattika li s-sħab mhux mill-UE jistgħu jieħdu sehem fi proġetti iżda ma jistgħux jirċievu finanzjament għandha tinżamm.

Fl-istess ħin, ġie suġġerit ukoll titjib ta' aspetti speċifiċi bil-għan li tittejjeb il-prattika attwali tal-RFCS. Fost ir-rakkomandazzjonijiet kien hemm: armonizzazzjoni aħjar tas-suboqsma tekniċi tal-programm (Gruppi Tekniċi), it-titjib tal-kriterji użati għall-evalwazzjoni tal-proposti mressqa, l-użu aktar estensiv ta' għodod elettroniċi (p.eż., għas-sottomissjoni u l-evalwazzjoni mill-bogħod tal-proposti), it-tisħiħ ta' azzjonijiet ta' tixrid kemm tul il-ħajja tal-proġetti u wara l-produzzjoni tar-rapport finali, it-tħeġġiġ ta' proġetti pilota u ta'

dimostrazzjoni. B'mod ġenerali, dawn ir-rakkomandazzjonijiet ma jantiċipawx xi modifika fundamentali fin-natura, fil-kamp ta' applikazzjoni u fl-approċċ ġenerali ta' dan il-programm ta' riċerka.

B'risposta għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet, ġew magħmula azzjonijiet speċifiċi, fosthom:


- L-introduzzjoni sħiħa, fl-2013, ta' sistema ta' sottomissjoni elettronika ta' proposti li jippermettu l-qari mill-bogħod u l-ewwel valutazzjoni minn esperti esterni indipendenti. Is-sistema użata hija kompatibbli mal-għodod ta' sottomissjoni elettronika ta' Orizzont 2020, u b'hekk jiżdiedu s-sinerġiji bejn l-RFCS u l-implimentazzjoni tal-Programm Qafas.
- Reviżjoni tal-kriterji ta' evalwazzjoni li saret bl-għajnuna tal-Gruppi Konsultattivi għall-Faħam u l-Azzar (Coal Advisory Group - CAG u Steel Advisory Group - SAG). Dan wassal għal sett mtejjeb ta' kriterji tal-evalwazzjoni għall-proġetti Pilota, ta' Riċerka, u ta' Dimostrazzjoni li diġà ntużaw għall-eżerċizzju ta' evalwazzjoni tal-2013.
- Reviżjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-kriterji ta' evalwazzjoni għall-azzjoni ta' Miżuri li Jakkumpanjaw il-programm, bil-ħsieb li jkun hemm titjib fit-tixrid u l-impatt tar-riżultati tal-proġetti. Abbozz ta' proposta jinsab fl-aġenda tal-laqgħat li jmiss tal-gruppi konsultattivi.
- Abbozz ta' proposta biex tarmonizza l-kamp ta' applikazzjoni u d-daqs ta' xi gruppi tekniċi kritiċi bħalissa qed jiġi diskuss fost membri tal-grupp konsultattiv, membri TG, il-Pjattaforma Teknoloġika Ewropea dwar l-Azzar (ESTEP - European Steel Technology Platform) u s-servizzi tal-Kummissjoni.

4. SEJBIET EWLENIN TAL-EŻERĊIZZJU TAL-VALUTAZZJONI

L-eżerċizzju ta' valutazzjoni identifika kemm benefiċċji kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi li jirriżultaw mill-proġetti mlestija kofinanzjati mill-RFCS.

4.1 Benefiċċji kwalitattivi

Ir-riżultati ta' aktar minn 500 kwestjonarju, li ġew imwieġba minn persentaġġ għoli ħafna ta' korrispondenti, indikaw benefiċċji kwalitattivi ewlenin perċeputi mill-partijiet interessati. Barra minn hekk, kull wieħed mill-198 proġett imlesti bejn l-2003 u l-2010 ġie analizzat minn esperti tekniċi bil-għan li tinkiseb ħarsa ġenerali tal-kisbiet ewlenin.
L-ewwel nett, ġiet stabbilita n-natura tal-eżiti ewlenin tal-proġetti (Grafika 1). Instab li l-proġetti jiġġeneraw kisbiet f'termini ta' għarfien miżjud u, fuq skala iżgħar, jiġġeneraw rakkomandazzjonijiet, proċessi u prattiki ġodda, mudelli numeriċi, soluzzjonijiet u prodotti ġodda u strumenti tal-kejl.



Grafika 1 In-natura tar-riżultati tal-proġetti meta mqabbla mal-persentaġġ ta' proġetti analizzati.

Imbagħad, il-benefiċċji kwalitattivi iġġenerati minn dawn ir-riżultati kienu identifikati kif ġej.

Benefiċċji għall-benefiċjarji u s-setturi:

- Għarfien ġdid miksub u opportunitajiet għal netwerking ta' esperti li jkopru kemm l-industrija kif ukoll l-akkademja, it-taħriġ u l-edukazzjoni.
- Redditi finanzjarji u benefiċċji ekonomiċi oħra, li effettivament jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà ekonomika u l-kompetittività tal-industrija relatata.
- L-iżvilupp ta' proċessi ġodda, soluzzjonijiet ġodda u prodotti ġodda, li jindikaw l-impatt tal-RFCS fuq l-iżvilupp tal-innovazzjoni u l-użu tagħha fi prattiki industrijali. Huwa rakkomandat investiment ta' segwitu sabiex ikompli jitjieb l-isfruttament tar-riżultati fis-setturi.

Benefiċċji għas-soċjetà:

- Minbarra ż-żieda fl-għarfien, il-proġetti tal-RFCS huma meqjusin bħala li jsaħħu bil-qawwi l-kompetittività tal-Ewropa permezz ta' teknoloġiji, prodotti u soluzzjonijiet ġodda u sostenibbli.
- Benefiċċji oħra għas-soċjetà ġejjin minn titjib fil-kundizzjonijiet tas-saħħa, is-sikurezza u l-kundizzjonijiet tax-xogħol u mit-tnaqqis tal-impatt ambjentali tal-industrija tal-faħam u l-azzar.

Fil-każijiet kollha, it-tixrid effiċjenti tar-riżultati huwa fattur ewlieni għall-użu tal-benefiċċji potenzjali u biex tingħata spinta lill-iżvilupp tal-għarfien lil hinn mis-setturi tal-faħam u l-azzar biss (setturi industrijali oħra, konsumaturi, SMEs, il-qasam akkademiku u ċentri ta' riċerka, iċ-ċittadini, eċċ.).

4.2 Benefiċċji kwantitattivi


Il-valutazzjoni tal-benefiċċji kwantitattivi ewlenin twettqet għal 23 proġett lest jew raggruppamenti ta' proġetti lesti, kofinanzjati mill-RFCs permezz ta' EUR 31 miljun u magħżula bħala dawk li jwasslu l-ikbar għadd ta' benefiċċji finanzjarji diretti u mhux ambigwi għall-benefiċjarji (proġetti oħra wrew ukoll benefiċċji iżda dawn kienu iktar diffiċli biex jiġu

kkwantifikati). Il-benefiċċji finanzjarji meqjusin fl-analiżi kienu jikkonsistu fi produttività miżjuda, ishma tas-suq ġodda jew imtejba u tnaqqis fl-ispejjeż. L-ispiża addizzjonali li trid tiġi mġarrba mill-kumpaniji biex jakkwistaw dawk il-benefiċċji ma ġietx meqjusa (analiżi sħiħa tal-ispejjeż/benefiċċji kien barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-eżerċizzju ta' valutazzjoni).

Il-benefiċċji reali fil-livell tal-benefiċjarji involuti kienu stmati li huma ta' kważi EUR 103 miljun fis-sena. Din iċ-ċifra ġiet approvata b'mod sħiħ mis-sħab industrijali tal-proġetti u turi li, bħala medja għal dawk it-23 proġett, euro ta' kofinanzjament mill-RFCS wassal għal benefiċċji finanzjarji ta' EUR 3.3 fis-sena.

Ir-rapport jiddeskrivi wkoll mudell simplifikat li bih jistgħu jiġu vvalutati l-benefiċċji akkumulati fuq perjodu raġonevoli ta' żmien. Skont dan il-mudell, u filwaqt li t-23 proġett magħżul inżammu bħala referenza, it-total akkumulat tal-benefiċċji għall-imsieħba fil-proġett kien stmat li jammonta għal madwar EUR 400 miljun. Għalkemm din iċ-ċifra hija projezzjoni u ma tqisx l-investimenti, hi indikattiva tal-potenzjalità ta' proġetti li jiġġeneraw benefiċċji kbar tul iż-żmien.

Fl-aħħar nett, abbażi ta' preżunzjoni konservattiva magħmula mill-Kumitat Espert, saret stima tat-total potenzjali tal-benefiċċji li jista' jiġi ġenerat jekk ir-riżultati tat-23 proġett magħżul jiġu estiżi għall-kuntesti industrijali relevanti kollha fis-setturi Ewropej tal-faħam u l-azzar. F'dan il-każ kien stmat li l-benefiċċji globali annwali potenzjali jkunu jammontaw għal EUR 684 miljun fis-sena fiż-żoni ta' produzzjoni differenti, kif muri fil-Grafika 2. Meta mqabbel mal-baġit annwali tipiku tal-RFCS ta' EUR 55 miljun fis-sena, dan jikkorrispondi għal effett multiplikatur potenzjali ta' EUR 12.4 ta' benefiċċji għal kull EUR 1 minfuq mill-RFCS. Dan jirrifletti tajjeb fuq dan il-programm ta' riċerka bħala strument li kapaċi jwassal l-innovazzjoni u l-kompetittività lis-setturi Ewropej tal-faħam u l-azzar globalment, aktar milli lil benefiċjarji individwali biss.



Grafika 2 Benefiċċju potenzjali ta' EUR 684 miljun fis-sena minn finanzjament RFCS annwali ta' EUR 55 miljun fis-sena għal oqsma ta' produzzjoni differenti għas-setturi tal-faħam u l-azzar

Ir-rapporti tal-eżerċizzju ta' monitoraġġ u valutazzjoni tal-programm RFCS jindikaw li dan il-programm huwa strument uniku u effettiv fl-appoġġ għall-kompetittività tal-industrija Ewropea tal-faħam u l-azzar.

5. KONKLUŻJONIJIET

Ir-riżultati ewlenin jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

- Il-programm ma jeħtieġx tibdiliet fundamentali; in-natura tiegħu li hija orjentata lejn l-industrija kif ukoll ir-regoli operattivi ewlenin tiegħu għandhom jinżammu.
- Ġew identifikati benefiċċji kwalitattivi għall-benefiċjarji, għas-setturi tal-faħam u tal-azzar u għas-soċjetà u jikkonsistu l-aktar f'għarfien ġdid, proċessi u prodotti ġodda, redditi finanzjarji u kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba.
- Ġew stmati benefiċċji kwalitattivi fid-dettall għal 23 proġett magħżul. Ġie muri li kull euro użat bħala kofinanzjament mill-RFCS irriżulta f'benefiċċju finanzjarju ta' EUR 3.3 fis-sena għall-benefiċċjarji.
- Il-projezzjonijiet li jkopru is-setturi tal-faħam u l-azzar urew il-potenzjal enormi għall-isfruttament tal-kisbiet tekniċi u xjentifiċi ta' proġetti RFCS. Dawn indikaw li, jekk applikati b'mod wiesa' fuq l-iskala Ewropea, dawn il-kisbiet jistgħu jwasslu għal benefiċċji finanzjarji ta' EUR 684 miljun fis-sena. Meta wieħed iqis baġit tipiku annwali tal-RFCS ta' madwar EUR 55 miljun fis-sena, dan jikkorrispondi għal fattur multiplikatur potenzjali ta' 12.4.

Minn din l-analiżi, il-Fond ta' Riċerka tal-Faħam u l-Azzar jidher konformi b'mod sħiħ mal-mandat tiegħu kif definit permezz tal-Artikolu 2 tal-bażi legali tal-RFCS dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka għall-RFCS (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/376/KE). Jidher ukoll li l-Fond għandu jkun strument li "*jsostni l-kompettittività tas-setturi tal-Komunità marbutin mal-industrija tal-faħam u l-azzar*", li jwasslu l-innovazzjoni u għaldaqstant "*li jikkomplementaw l-attivitajiet mwettqa fl-Istati Membri u fi ħdan il-programmi ta' riċerka eżistenti tal-Komunità*", bħalma hu l-FP7 u l-Orizzont 2020 li jmiss.